MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru. 85/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Chalie Sultana bin Louis u Pauline nee' Muscat imwieled fis-7 ta' Marzu 1966 u residenti 106, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 48686(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Chalie Sultana li gie akkuzat talli nhar l-04.01.2010 ghal habta ta' 14:30hrs f'garaxx fl-inhawi Ta' Hamet, Xaghra, Ghawdex:-

1. garr arma b'xafra (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija
2. hedded lil Marlon Xerri bi strument jaqta u bil-ponta
3. hebb ghall-istess Marlon Xerri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara
4. hedded lill-istess Marlon Xerri bi kliem
5. ikkommetta vjolazzjoni kontra l-propjeta ta' haddiehor

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat li giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-Artikoli 6 tal-Kapitolu 480, 339 (d) (e), 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) fuq l-ewwel (1) akkuza u riprensjoni u ammonizzjoni fuq it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi;

Finalment b'applikazzjoni tal-Artikolu 383, il-Qorti qed torbot lill-hati b'garanzija ta' hames mitt ewro (€500) li jzomm il-paci ma' Marlon Xerri u dana ghal zmien sena mil-lum;

Il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokument C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------